Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,022, 7 ta' Diċembru, 2000
Taqsima B

A.L. 252 ta' l-2000

ATT DWAR TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR (KAP. 380)

Regoli ta' l-2000 dwar il-Ħinijiet u l-Postijiet tas-Seduti tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3(4) u 16, ta' l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel ir-Regoli li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regoli hu Regoli ta' l-2000 dwar il-Ħinijiet u l-Postijiet tas-Seduti tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

(2) Dawn ir-Regoli għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2001.

Seduti.

2. (1) It-Tribunal għal Talbiet Żgħar għandu jżomm is-seduti tiegħu fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta li jinsabu fil-Belt Valletta, u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Belt Victoria, Għawdex, jew f'kull post ieħor kif il-Ministru tal-Ġustizzja jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi b'Ordni fil-Gazzetta.

(2) Is-seduti għandhom jinżammu fost il-ġimgħa, minbarra btajjel pubbliċi, u ma għandhomx jibdew aktar kmieni minn nofsinhar, mingħajr il-kunsens speċifiku tar-Reġistratur.

Revoka.

3. L-Ordni ta' l-1995 dwar it-Tismija ta' Postijiet għat-Tribunal għal Talbiet Żgħar huwa b'dan revokat.